Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10584 – LUFTHANSA / VW / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 134/11)

1. Fil-15 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lufthansa Industry Solutions AS GmbH ("LHIND", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Deutsche Lufthansa AG ("Lufthansa", il-Ġermanja),

— A4nXT GmbH ("A4nXT", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Volkswagen Aktiengesellschaft ("Volkswagen", il-Ġermanja),

— Kumpanija ta' Impriża bi Sħab (joint venture, "JV", il-Ġermanja).

A4nXT u LHIND jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati u l-impriża bi sħab li għadha kif ġiet stabbilita huma dawn li ġejjin:

— LHIND: sussidjarja tal-grupp tal-avjazzjoni Ġermaniż Lufthansa Group attiva fil-forniment ta' servizzi ta' konsulenza tal-IT,

— A4nXT: kumpanija azzjonista u sussidjarja tal-konsorzju tal-karozzi Ġermaniż Volkswagen Group iffokat fuq il-provvista ta' servizzi għal manifattura u servizzi diġitalizzati,

— il-JV: entità ġdida li se tipprovdi servizzi ta' konsulenza tal-IT u servizzi anċillari tal-IT lil Volkswagen u lil terzi persuni fl-industrija awtomobilistika u industriji oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10584 – LUFTHANSA / VW / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË